# Naqqas ir-riskju tiegħek tal-kanċer!

**Tlaqqam kontra l- epatite B u l-HPV**

It-tilqim kontra l-epatite B u l-HPV (il-papillomavirus uman) jgħin fil-protezzjoni kontra l-infezzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-kanċer.

**Tixtieq issir taf aktar?**

Dawn huma xi fatti essenzjali.







## EPATITE B

### Għaliex titlaqqam?

- Infezzjoni tal-epatite B fit-tul tista' twassal għal kanċer tal-fwied.
- L-epatite B jikkawża mewta **1** minn **9** imwiet mill-kanċer tal-fwied fl-UE/fiż-ŻEE
- Madwar **3.2 miljun** persuna fl-UE/fiż-ŻEE qed jgħixu b'infezzjoni tal-epatite B fit-tul u jinsabu f'riskju ta' kanċer tal-fwied




## HPV

### Għaliex titlaqqam?

- L-HPV jikkawża aktar minn **33,000** każ ġdid ta' kanċer fl-irġiel u n-nisa ta' kull sena.
- Huwa responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-kanċers ċervikali.
- Jista' wkoll jikkawża kanċer tal-gerżuma u tipi oħra ta' kanċer.

It-tilqim mifrux jista' jevita **90 %** tal-kanċers ċervikali.

**It-tilqim jista' jevita l-infezzjoni u l-kanċer ikkawżati mill-epatite B u l-HPV.**

## Min għandu jitlaqqam?

**EPATITE B**

Il-vaċċin tal-epatite B huwa parti minn programmi standard ta' tilqim tat-tfal. Huwa rrakkomandat ukoll għal adulti f'riskju ogħla ta' infezzjoni tal-epatite B.



## Min għandu jitlaqqam?

**HPV**

It-tilqim kontra l-HPV huwa rrakkomandat ta' spiss kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien. Normalment, it-tilqim ta' rutina kontra l-HPV isir **fl-età ta' bejn id-9 snin u l-14-il sena**.



**Tkellem mal-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek dwar kif it-tilqim jista' jipproteġi lilek u lill-familja tiegħek.**



PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/en